

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE, Euratom) 2015/623

tal-21 ta' April 2015

li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 312 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jagħixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

- (1) L-Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ⁽¹⁾ jipprovdi li fil-każ tal-adozzjoni wara l-1 ta' Jannar 2014 ta' regoli ġodda jew programmi b'ġestjoni kondiviża għall-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew Marittimu u għas-Sajd, il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil u għall-Fond għas-Sigurtà Interna, il-qafas finanzjarju pluriennali għandu jiġi rivedut sabiex jiġu trasferiti għal snin sussegwenti, 'il fuq mil-limiti massimi tan-nefqa korrispondenti, l-allokazzjonijiet mhux użati fl-2014. Skont dak l-Artikolu, ir-reviżjoni li tikkonċerna t-trasferiment ta' allokazzjonijiet mhux użati għas-sena 2014 għandha tiġi adottata qabel l-1 ta' Mejju 2015.
- (2) Bħala riżultat ta' din l-adozzjoni tard, EUR 11 216 187 326 fi prezzijiet kurrenti tal-allokazzjoni prevista fil-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni, EUR 9 446 050 652 fi prezzijiet kurrenti tal-allokazzjoni prevista għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, u EUR 442 319 096 tal-allokazzjoni prevista għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u l-Fond għas-Sigurtà Interna ma setgħux jiġu impenjati fis-sena 2014 u lanqas jiġu riportati għas-sena 2015.
- (3) L-Anness tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 għandu għalhekk jiġi rivedut billi jittrasferixxi l-appropriazzjonijiet għall-impenji mhux użati fl-2014 għas-snin sussegwenti għas-subintestatura 1b, l-intestatura 2 u l-intestatura 3. Għal dan l-iskop, il-figuri fil-prezzijiet kurrenti huma maqluba għall-prezzijiet tal-2011.
- (4) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' April 2015.

Għall-Kunsill

Il-President

E. RINKĒVIČS

ANNEX

QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI (UE-28)

(EUR miljuni — prezzijiet tal-2011)

APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Total 2014-2020
1. Tkabbir Intelliġenti u Inklussiv	49 713	72 047	62 771	64 277	65 528	67 214	69 004	450 554
1a: Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi	15 605	16 321	16 726	17 693	18 490	19 700	21 079	125 614
1b: Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	34 108	55 726	46 045	46 584	47 038	47 514	47 925	324 940
2. Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali	46 981	59 765	58 204	53 448	52 466	51 503	50 558	372 925
inkluża: Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti	41 254	40 938	40 418	39 834	39 076	38 332	37 602	277 454
3. Sigurtà u ċittadinanza	1 637	2 269	2 306	2 289	2 312	2 391	2 469	15 673
4. Ewropa Globali	7 854	8 083	8 281	8 375	8 553	8 764	8 794	58 704
5. Amministrazzjoni	8 218	8 385	8 589	8 807	9 007	9 206	9 417	61 629
Inkluża: nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	6 649	6 791	6 955	7 110	7 278	7 425	7 590	49 798
6. Kumpens	27	0	0	0	0	0	0	27
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	114 430	150 549	140 151	137 196	137 866	139 078	140 242	959 512
bħala perċentwal tal-ING	0,88 %	1,13 %	1,03 %	1,00 %	0,99 %	0,98 %	0,98 %	1,00 %
TOTAL TAL-APPROPRJAZZJONIET TA' PAGAMENT	128 030	131 095	131 046	126 777	129 778	130 893	130 781	908 400
bħala perċentwal tal-ING	0,98 %	0,98 %	0,97 %	0,92 %	0,93 %	0,93 %	0,91 %	0,95 %
Marġini disponibbli	0,25 %	0,25 %	0,26 %	0,31 %	0,30 %	0,30 %	0,32 %	0,28 %
Limitu tar-Riżorsi Propriji bħala perċentwal tal-ING	1,23 %	1,23 %	1,23 %	1,23 %	1,23 %	1,23 %	1,23 %	1,23 %